MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 2000/1999/1

**Medcast Foundry Limited**

**vs**

**L-Avukat Dr. Tonio Azzopardi
u r-Registratur tal-Qorti**

**Il-Qorti,**

**<u>IR-RIKORS PROMOTORJU</u>**

1. B’rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili s-socjeta` appellanti wara li ppremettiet kif gej:-
Illi l-intimat Dr. Tonio Azzopardi pprezenta nota fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fejn talab li jigu intaxxati d-drittijiet dovuti lilu ghall-prestazzjonijiet professjonali rezi minnu lis-socjeta` Medcast Foundry Limited bejn l-1991 u l-1995.

Illi fit-3 ta’ Frar 1999 tali drittijiet gew intaxxati fis-somma ta’ sitt elef u tlitt mija u lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,301.50) kif jirrizulta mill-anness dokument (Dok A).

Illi l-esponent hass ruhu aggravat minn din it-taxxa u qed jinterponi umli appell ai termini ta’ l-artikolu 556(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi fl-ewwel lok id-drittijiet in kwistjoni huma preskritti skond l-artikolu 2149(e) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi dak allegatament dovut jirrisali ghall-perjodu bejn l-1991 u l-1995.

Illi fil-mertu, l-esponent ihoss illi huwa dejjem hallas ghas-servizzi rezi lilu mill-intimat Dr. Tonio Azzopardi pero` jekk se mai ghad fadal xi ammont dovut dan zgur ma jlahhaqx l-ammont ezagerat ta’ sitt elef u tlitt mija u lira Maltin u hamsin centezmu (Lm6,301.50).

Illi in effetti dwar l-items indikati fin-nota ta’ l-intimat Dr. Tonio Azzopardi ghandu jinghad is-segwenti:

Illi l-allegazzjoni illi l-esponent kien f’kuntatt ma’ Dr. Tonio Azzopardi kuljum hija ezagerata u anke l-allegazzjoni ta’ 600 inkontru tul il-hames snin hija ezagerata.

Fl-1 ta’ Frar 1991 ma gew ippresentati l-ebda mandati u l-intimat Dr. Tonio Azzopardi kien thallas dwar il-kawza ta’ spoll kuntrarjament ghal dak allegat.

Illi dwar in-negozjati mal-Malta Development Corporation kien jattendi biss l-esponent u kien l-intimat Dr. Tonio Azzopardi li abbanduna lill-esponent fil-kors ta’ dawn in-negozjati.

Illi dwar paragrafu 2 dwar negozjati mal-Bank of Valletta l-esponent ma kienx involut fin-negozjati bejn l-esponent u l-Bank of Valletta.

Illi dwar paragrafu 4 l-applikazzjoni msemmija kienet giet mimlija mill-esponent u kien hu li ghamel il-kalkoli matematici imsemmija.

Illi dwar paragrafu 5 kien hemm ittra wahda biss.

Illi dwar paragrafu 28 ghandu jinghad li ma kienx hemm inkontri ma' Dr. M. Xuereb li kien attenda ghalihom l-intimat Dr. Tonio Azzopardi. Li kien jigri hu li kien ikun isiru appuntamenti ma' ufficjali ta' l-M.D.C. sabiex l-esponent jirtira xi effetti mill-fabbrika msemmija u l-esponent kien imur il-fabbrika jirtira l-imsemmija oggetti.

Premess dan kollu, is-socjeta` rikorrenti talbet li dik il-Qorti thassar, tirrevoka u tikkancella t-taxxa mahruga mis-Sekond Awla fit-3 ta' Frar 1999 permezz ta' digriet numru 108/99 u tirrevedi l-istess taxxa.

2. Ir-Registratur tal-Qrati kien wiegeb hekk:-

L-artikolu 556(2) u (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid illi t-talba biex ikunu intaxxati drittijiet extra-gudizzjarji ssir b'nota mahlufa mill-kreditur. It-tassazzjoni ssir billi jinghata dritt ghal kull prestazzjoni dikjarata bla ma jsir stharrig dwar jekk dawk il-prestazzjonijiet inghatawx tassew jew le. Is-socjeta` rikorrenti qieghda tghid li fin-nota kienu dikjarati prestazzjonijiet li ma nghatawx, jew li ghalihom ga sar hlas. Jekk dan hux minnu jew le hija kwistjoni li tinteressa biss lir-rikorrenti u lill-intimat Dr. Azzopardi, izda ma jidholx fiha r-Registratur.

Ir-rikorrenti ma hiex qieghda tghid li l-quantum tad-drittijiet intaxxati huwa hazin; ghalhekk it-taxxa saret sew, u r-rikorrenti qieghda tattakka mhux it-taxxa izda dak li stqarr l-intimat Dr. Azzopardi fin-nota tieghu.

Ir-Registratur tal-Qrati (dak iz-zmien mara) ghalhekk qalet li hi ma ghandhiex ghalxiex twiegeb u ma ghandhiex tbati spejjez.
3. L-Avukat Dr. Tonio Azzopardi wiegeb hekk:
Illi ma hux minnu li d-drittijiet tieghu waqghu bi preskrizzjoni, u ma hux minnu li s-socjeta` rikorrenti hallsitu ghal dawn id-drittijiet. Fit-twegiba tieghu kompla jfisser x'kienu s-servigi li taghhom qed jitlob id-drittijiet.

Illi l-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef G. Caruana Demajo b'sentenza taghha tat-18 ta' Frar 2000 fl-ismijiet premessi cahdet it-talbiet ta' l-appellant[1].

Illi l-appellant (is-Socjeta` Medcast Foundry Limited) hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u qed jinterponi umli appell.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi u kif ukoll tal-fatti.

**Fuq l-apprezzament tal-fatti**.
Illi l-ammont pretiz mill-appellat Dr. Azzopardi kien wiehed li jidher anke a priori bhala wiehed ezorbitanti u vessatorju.

Illi in effetti l-Qorti setghat tapprezza l-mod vessatorju ta' kif l-appellat Dr. Azzopardi beda javvanza l-pretenzjonijiet tieghu. In effetti l-appellat ippresenta mhux inqas minn tlitt mandati ta' sekwestru kawtelatorji kontra l-esponenti u kienet din id-darba biss li pproceda ulterjorment biex ottjena xi tip ta' titolu esekuttiv.

In effetti kienu saru zewg mandati ta' sekwestru kawtelatorji li jgibu n-numri 4568/98 u 2280/99 liema mandati ma gewx segwiti b'azzoni civili.

[1] Is-sentenza tal-Prim Awla in kwistjoni kienet ukoll illiberat lir-Registratur tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi sussegwentement gie ntavolat mandat iehor numru 4299/98 u kien gie intavolat rikors ghar-revoka ta’ dan il-mandat a bazi tal-fatt illi l-mandat kien vessatorju minhabba li kien qed jintalab ammont esagerat minhabba li d-drittijiet professjonali qatt ma setghu telghu ghall-ammont indikat u li l-appellat Dr. Azzopardi kien gie mhallas tas-servizzi tieghu. Pendenti tali proceduri pero` kien gie ppresentat kontro-mandat peress illi l-mandat ma giex segwit b’azzjoni civili.

Illi sussegwentement ukoll kien gie intavolat mandat iehor li jgib in-numru 3836/99. Fl-atti ta’ dan il-mandat gie ppresentat rikors fejn l-appellant talab li l-Qorti tohrog il-kontro-mandat relattiv. Dan ir-rikors li gie deciz mill-Prim Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef G. Caruana Demajo fid-29 ta’ Ottubru 1999. F’dan ir-rikors l-appellant talab ir-revoka tal-mandat a bazi ta’ l-artikolu 831(1)(b) u (d) tal-Kap. 12, u a bazi ta’ l-artikolu 831(1)(f) minhabba li s-sekwestru kien sar anke f’idejn il-Works Division meta l-artikolu citat jistabbilixxi kjarament illi ma jistghux jinqabdu permezz ta’ mandat ta’ sekwestru “flus li ghandhom jinghataw minn dipartiment tas-servizz pubbliku, civili jew militari, ghall-prezz ta’ xogholijiet jew provvisti”. Kien hemm ukoll talba ghall-hlas ta’ penali. L-ewwel Qorti cahdet it-talba ghall-penali pero laqghat it-talba li saret a bazi ta’ l-artikolu 831(1)(f).

Illi mbaghad wara dan kollu l-appellat Dr. Azzopardi talab li tinhareg taxxa billi pprezenta nota fis-Sekond Awla tal-Qorti Civili fejn iddikjara hafna items li kienu biss esagerazzjoni da parti tieghu pero` imbaghad ma gab l-ebda dokumentazzjoni in sostenn ta’ dak allegat minnu.

Illi in effetti l-appellat Dr. Azzopardi semma numru ta’ sitt mitt laqgha u qabad u ddecieda arbitrarjament ammont hu stess kemm ghandu jithallas taghhom minghajr ma ta xi tip ta’ spjegazzjoni dwar kif wasal ghal din il-figura.

Illi l-appellant mill-banda l-ohra innega li saru dan l-inkontri kollha u anzi xehed illi kien hallsu Lm200. L-ewwel Qorti tenniet illi dwar dawn il-laghat l-intimat “ressaq xhieda li

f'dawk iz-zminijiet kien hemm hafna cirkostanzi fejn kienu mehtiega l-pariri tieghu". L-appellant ma jistax jifhem x'xhieda kellha f'mohhha l-ewwel Qorti meta l-appellat Dr. Azzopardi kull ma ghamel huwa li xehed hu u la pproduca xi xhud iehor u lanqas dokument wiehed biex jikkorrobora l-verzjoni tieghu. L-appellant mill-banda l-ohra ppresenta affidavit dettaljat fejn attakka bl-aktar mod kredibbli l-items imsemmija fin-nota li l-appellat Dr. Azzopardi pprezenta fis-Sekond Awla wahda wahda.

Il-mer fatt li l-appellat Dr. Azzopardi kkonferma n-nota tieghu bil-gurament u qabad u tefa somma bl-addocc mhix gustifikazzjoni tas-somma mitluba, u lanqas ma seta jikkonvinci l-ewwel Qorti biex tistrieh fuq din il-konferma.

Illi l-ewwel Qorti ma setghet qatt lanqas tikkonferma in toto it-taxxa attakkata u dan ghas-semplici raguni illi hafna mill-affarijiet ma kellhomx jigu ntaxxati mis-Sekond Awla peress li huma spejjez gudizzjarji u mhux extra-gudizzjarji. Tant hu hekk illi l-ewwel Qorti staqsiet hi stess lill-appellat Dr. Azzopardi waqt li kien qed isirlu l-kontro-ezami tieghu dwar dan u hu kkonferma illi whud mill-items huma gudizzjarji u ghalihom tista' tinhareg, jekk ma hargitx diga, taxxa ad hoc.

Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi anke kif giet mahduma t-taxxa huwa zbaljat kuntrarjament ghal dak li ntqal mill-ewwel Qorti. F'dan is-sens kienet skorretta l-ewwel Qorti meta lliberat lill-appellat Registratur tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju.

**<u>Dwar preskrizzjoni</u>**

Illi l-ewwel Qorti zbaljat meta ma laqghetx is-sottomissjonijiet ta' l-appellant dwar il-preskrizzjoni.

Il-Qorti fis-sentenza taghha tenniet illi kien hemm sospensjoni tat-termini tal-preskrizzjoni u dan minhabba li skond l-ewwel Qorti l-appellant kien talab lil Dr. Azzopardi aktar zmien biex ihallas. L-ewwel nett ghandu jirrizulta li dawn is-servizzi legali jirrisalu ghall-1995 u minn dak iz-zmien 'l hawn ma kienx hemm kuntatt bejn l-appellant u

Dr. Azzopardi, u allura jekk fil-perjodu bejn l-1991 u l-1995 talbu zmien biex ihallas xi drittijiet dan bl-ebda mod ma nterrompa l-perjodu bejn l-1995 u l-2000.

In effetti ghandu jinghad illi l-ewwel darba li l-appellant qatt ircieva l-kont esagerat ta' Lm6,000 kien fl-20 ta' Marzu 1998. Tant kienet sorpriza li fir-risposta l-appellant kien tenna li haseb li kien hemm zball ta' zewg zeros.

Illi s-sottomissjoni ta' l-ewwel Qorti li l-fatt li l-appellant kien talab lil Dr. Azzopardi zmien ghall-hlas jinterrompi l-preskrizzjoni hija assolutament kontradetta mix-xhieda u in oltre tmur kompletament kontra l-principji tal-preskrizzjoni ormaj stabbiliti mill-gurisprudenza. Fl-ewwel lok ghandu jinghad illi m'hu veru xejn illi l-appellant xehed illi kien jitlob lil Dr. Azzopardi zmien ghall-hlas. L-appellant anzi kien xehed illi sa fejn kien jaf hu kien hallas kollox u meta Dr. Azzopardi kien jghidlu xi haga dwar xi kont pendenti l-appellant kien iwiegbu fis-sens illi jibghatlu l-kont imbaghad wiehed jara. Kif diga gie sottomess hawn fuq l-ewwel kont intbaghat fl-1998.

Illi din zgur li ma tistax tigi interpretata bhala ammissjoni ta' xi debitu u li tinterrompi l-preskrizzjoni.

Fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet *Saviour Ferrito noe vs Anthony Portelli noe* deciza mill-Qorti tal-Kummerc fil-21 ta' Marzu 1973 gie stabbilit il-principju illi anke jekk debitur meta jigi interpellat ihallas jghid li ser jivverifika jekk l-ammont hux dovut, li hu vicin hafna ta' x'intqal fil-kaz odjern, dan ma jinterrompix il-preskrizzjoni.

Gie stabbilit in fatti illi renunzja ta' preskrizzjoni trid tkun cara, esplicita u inekwivoka. Dan gie stabbilit f'diversi sentenzi bhal per ezempju *Joseph Borg vs Noble Maria Testaferrata Bonnici* deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958 u *Joseph Carabott et vs Lorenzo Decelis* deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' April 1976.

Ghaldaqstant l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tikkancella s-sentenza tal-Prim Awla

tal-Qorti Civili tat-18 ta’ Frar 2000 fl-ismijiet premessi u tilqa` t-talba ta’ l-appellant.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TAL-KONVENUT REGISTRATUR TAL-QORTI**

4. L-appellat Registratur tal-Qorti wiegeb hekk:
Illi l-esponenti ottemporat ruhha fedelment mal-provvedimenti tal-ligi u ta’ l-artikolu 556 tal-Kap. 12 kif jirrigwardjaw lir-Registratur fil-materja appellata;

Illi l-pendenzi huma bejn il-kumpanija attrici appellanti u l-konvenut appellat l-iehor Avukat Dottor Tonio Azzopardi;

Illi dwar il-prendenzi l-esponenti toqghod ghall-apprezzament tal-fatt u tad-dritt kontenuti fis-sentenza appellata;

Illi l-esponenti tirrimetti ruhha ghal kull eventwali provvedimenti ta’ din il-Qorti;

Illi l-esponenti umilment tissottometti illi hija ma ghandha l-ebda responsabbilta` f’din il-kwistjoni u ghalhekk l-appell fil-konfront taghha ghandu jkun respint bl-ispejjez.

**IR-RISPOSTA TA’ L-APPELL TA’ L-AVUKAT DOTTOR TONIO AZZOPARDI**

5. L-appellat Avukat Dr. Tonio Azzopardi wiegeb hekk:

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u korretta u timmerita konferma, filwaqt li l-appell ta’ Medcast Foundry Limited huwa frivolu u vessatorju u ghandu jigi respint.

(ii) Illi l-appell ta’ Medcast Foundry Limited huwa abbuz tal-process gudizzjarju in kwantu dak li jintqal fir-raba’ (4) pagna tar-rikors ta’ l-appell lanqas kien jifforma l-meritu quddiem l-ewwel Qorti u qed jitqanqal f’dan l-istadju avolja l-appellant jaf illi r-raguni ghala nhareg aktar minn mandat kawtelatorju wiehed kienet illi t-taxxa mitluba minghand is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili ma kienitx ghadha nhadmet. L-appellant ghalhekk m’huwiex in buona fede.

(iii) Illi m'huwiex minnu dak li qed jallega l-appellant illi "l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin kemm tal-provi u kif ukoll tal-fatti". Ghall-kuntrarju, l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet ezami akkurat tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif jirrizulta mix-xhieda mismugha u l-provi dokumentarji migbura, u, wara li qieset l-ezami u kontroezami ta' Maurice Vassallo u l-affidavit u l-kontroezami ta' l-Avukat Dottor Tonio Azzopardi, waslet ghall-konkluzzjoni li t-taxxa maghmula mir-Registratur tal-Qrati kienet gusta u korretta u kkonfermata. Fil-fatt, ma kienx hemm konkluzzjoni differenti li setghet tasal ghaliha l-Qorti, partikolarment wara li kkunsidrat it-twegibiet in kontroezami ta' Maurice Vassallo.

(iv) Illi l-esponent jaghmel riferenza ghall-provi a skans ta' ripetizzjoni. Bizzejjed jinghad illi gie prodott dokument miktub minn Maurice Vassallo, Managing Director ta' Medcast Foundry Limited, 'di proprio pugno', illi d-danni minnu pretizi kienu jammontaw ghal mitejn u wiehed u sebghin elf lira (Lm271,000.00). Issir riferenza ghas-sentenza moghtija fit-23 ta' Frar 1935 (riportata fil-Kollezzjoni a fol. 357 tal-volum ghas-sena 1935) fejn gie ritenut illi jekk intalbet somma, d-dritt jinhadem fuq dik is-somma, b'dana illi t-talba hija wkoll dik li tidher miktuba f'kull kitba quddiem il-Qorti, f'dan il-kaz (bhal fil-kaz odjern) prospett dwar danni.

(v) L-osservazzjoni maghmula mill-ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha illi l-esponent "ressaq xhieda li f'dawk iz-zminijiet kien hemm hafna cirkostanzi fejn kienu mehtiega l-pariri tieghu" hija sorretta bil-provi prodotti mill-esponent u hija korretta.

(vi) Is-sottomissjoni ta' l-appellant illi ma giex ipprezentat "lanqas dokument wiehed biex jikkorrobora l-versjoni tieghu" hija kontradetta mid-dokumenti li pprezenta l-esponent, li l-appellant lanqas ha interess jew il-briga li jezamina ghalkemm jinsabu fil-process.

(vii) Mhux minnu li l-esponent "qabad u tefa' somma bl-addocc", kif qed jallega l-appellant. Kieku kien hekk, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kienitx ser tikkonferma t-taxxa

u tiddikjaraha bhala korretta. Inoltre, fix-xhieda tieghu l-esponent ghamilha cara li jekk it-taxxa tigi kkonfermata, huwa kien ser jirrinunzja ghad-drittijiet gudizzjarji.

(viii) Rigward il-preskrizzjoni, apparti li kien Maurice Vassallo stess li talab lill-esponent jirrimanda l-hlas dovut lilu ghal meta terga' tissokta l-produzzjoni minhabba li l-fabbrika kienet maghluqa, l-istess appellant kien gie avvicinat hafna drabi mill-esponent rigward il-hlas dovut lill-esponent u Vassallo kien igedded il-promessa li jhallas meta l-kumpanija jkollha l-fondi. Fil-fatt, Medcast Foundry Limited m'ilhiex li regghet bdiet tiffunzjona fi premises differenti gewwa Hal-Far Industrial Estate. Jekk qabel kienet maghluqa, kif setghet thallas lill-esponent meta ma kellha l-ebda depozitu fil-banek? Rigward din il-kwistjoni kollha tal-preskrizzjoni, issir riferenza ghat-twegibiet in kontroezami ta' Maurice Vassallo, Managing Director tas-socjeta` appellanti, fejn ammetta dan kollu. Il-pretensjoni ta' l-appellant illi "sa fejn kien jaf hu kien hallas kollox" hija irrizorja daqs kemm hija xhieda falza. Inoltre, l-appellant fl-istess pagna tar-rikors ta' l-appell tieghu jghid:

"Minn dak iz-zmien 'l hawn ma kienx hemm kuntatt bejn l-appellant u Dr. Azzopardi"

"meta Dr. Azzopardi kien jghidlu xi haga dwar xi kont pendenti..."

minghajr ma jinduna li waqa' f'kontradizzjoni palesi: jew ma kienx hemm kuntatt, jew l-esponent kien isemmilu l-kont pendenti. Jidher car li l-appellant qed jipprova jevadi l-obbligi tieghu versu l-esponent u, kif intqal fil-bidu, m'huwiex in buona fede. Ghaldaqstant, l-appell tas-socjeta` Medcast Foundry Limited ghandu jigi michud.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

6. Mill-atti u mill-provi akkwiziti jirrizulta li l-appellat ghamel perijodu jezercita l-professjoni tieghu bhala avukat tas-socjeta` appellanti. Peress li l-appellat allega li baqa' ma thallasx ta' diversi servizzi li huwa ppresta ghal din is-socjeta`, huwa talab u ottjena taxxa ufficjali tramite nota guramentata li huwa pprezenta quddiem is-Sekond' Awla

tal-Qorti Civili ghal fini ta’ tassazzjoni. L-ammont intaxxat kien ta’ Lm6,301.50c. Permezz ta’ rikors fil-Prim Awla tal-Qorti Civili, is-socjeta` appellanti kkontestat dan l-ammont a bazi ta’ zewg ragunijiet, igifieri,

(i) li d-drittijiet in kwistjoni huma preskritti;

(ii) li hija dejjem hallset ghas-servizzi rezi lejha mill-appellat b’dan li “jekk se mai ghad fadal xi ammont dovut dan zgur ma jlahhaqx l-ammont esagerat” li giet mitluba thallas;

u talbet ghalhekk ir-revoka tat-taxxa mahruga mis-Sekond Awla fit-3 ta’ Frar 1999 permezz ta’ digriet numru 108/99 u li l-ewwel Qorti “tirrevedi l-istess” (sic). L-ewwel Qorti ma laqghetx it-talba tas-socjeta` appellanti u din interponiet l-appell in ezami.

7. Jirrizulta li r-rikors promotorju ghal fini ta’ revoka jew revizjoni tat-taxxa maghmul mis-socjeta` appellanti gie intavolat sija kontra l-appellat Avukat Dr. Tonio Azzopardi kif ukoll kontra ir-Registratur tal-Qorti. Il-Qorti tosserva, kif del resto osservat l-ewwel Qorti, li fir-rikors promotorju s-socjeta` appellata ma attakkatx it-taxxa <u>ut</u> <u>sic</u> (ara Dok. 9 CD, a fol. 9 tal-process) a bazi ta’ xi allegazzjoni li l-operat tar-Registratur kien wiehed skorrett. Apparti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, is-socjeta` appellanti kienet qeghda, kif ghadha tikkontendi, li fin-nota guramentata tieghu l-avukat Azzopardi inkluda prestazzjonijiet li ma sarux jew li taghhom l-intimat (l-appellat Dr. Azzopardi) gia` gie mhallas. Fi kliem iehor, u dan hu punt importanti, l-“esagerazzjoni” li dwarha qeghdha tillanja s-socjeta` appellanti tirreferi ghal dak li gie ddikjarat bhala prestazzjonijiet u mhux b’riferenza tal-<u>quantum</u> bhala tali li gie intaxxat mill-appellat Registratur tal-Qorti. Dan il-punt qieghed jigi hawn enfasizzat ukoll ghar-raguni li, <u>minkejja li l-operat tal-konvenut Registratur tal-Qorti ma jidherx li gie attakkat quddiem il-Qorti ta’ l-ewwel grad</u>, f’dina l-istanza, u cioe` fi stadju ta’ appell, is-socjeta` appellanti “inter alia” tissottometti kif gej:-

“Illi l-ewwel Qorti ma setat (<u>recte</u> setghet) qatt lanqas tikkonferma <u>in</u> <u>toto</u> t-taxxa attakkata u dan ghas-semplici raguni illi hafna mill-affarijiet ma kellhomx jigu ntaxxati mis-Sekond Awla peress li huma spejjez gudizzjarji u mhux extra-gudizzjarji. Tant hu hekk illi l-ewwel Qorti

staqsiet hi stess lill-appellat Dr. Azzopardi waqt li kien qed isirlu l-kontro-ezami tieghu dwar dan u hu kkonferma illi whud mill-*items* huma gudizzjarji u ghalihom tista' tinhareg, jekk ma hargitx diga`, taxxa ad hoc. Illi ghalhekk ghandu jirrizulta illi anke kif giet mahduma t-taxxa huwa zbaljat kuntrarjament ghal dak li ntqal mill-ewwel Qorti. F'dan is-sens kienet skorretta l-ewwel Qorti meta lliberat lill-appellat Registratur tal-Qorti mill-osservanza tal-gudizzju".

Mis-suespost mela jirrizulta car u tond li, indipendentement minn dak li sar jew ma sarx quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad, li l-appellant qieghed jappella u jattakka wkoll is-sentenza riferibbilment ghall-mod kif saret u nhadment it-taxxa mill-appellat Registratur tal-Qorti: Qabel ma din il-Qorti tkompli tiddelibera dwar dana l-aggravju jkun ghalissa aktar utli li jigi mistharreg u deciz l-aggravju dwar il-preskrizzjoni eccepita mill-appellant. Dan ghaliex kemm-il darba kellha tirnexxi u tigi akkolta dina l-eccezzjoni, allura dan jista' jwassal ukoll ghall-konsegwenza li l-kawza jkollha tieqaf hawn u ma jkunx hemm ghalfejn li wiehed jinvesti wkoll l-aggravji fil-meritu.

8. Dwar il-preskrizzjoni, is-socjeta` l-appellanti iccitat favuriha l-artikolu 2149(c)[2] tal-Kap.16. Hija tissottometti li l-prestazzjonijiet professjonali da parti ta' l-appellat Dr. Azzopardi saru bejn l-1991 u l-1995 u li l-ewwel kont li rceviet kien fl-1998. Hija tghid ukoll li da parti taghha qatt ma ammettiet li kellha taghti u, kwindi, qatt ma avverrat xi forma ta' interruzzjoni jew sospensjoni tat-terminu preskrittiv kif irriteniet l-ewwel Qorti. Jirrizulta mill-provi li s-socjeta` appellanti kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji u kienet hija stess li talbet lill-kredituri taghha, fosthom l-appellat Dr. Azzopardi, biex jistennew u jaghtuha ftit tan-nifs u b'hekk tkun f'qaghda li thallas. Minn ezami akkurat tax-xhieda ghandu jemergi bic-car li sa l-ahhar is-socjeta` appellanti wriet ruhha disponibbli u pronta li tigi saldata kull pendenza li seta' kien hemm bejnha u bejn l-appellat u li ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, kienet tassew sehhet sospensjoni ta' kull

[2] Mhux 2149 (e) kif erroneament indikat fir-rikors quddiem il-Prim Awla. Dan kien evidentement *lapsus calami*.

perijodu preskrittiv, kif gie gustament ritenut mill-ewwel Qorti. Kien biss wara li s-socjeta` appellanti irceviet il-kont minghand l-appellat u ratu wiehed esagerat li hija bdiet tallega li kienet hallset dak kollu li kellha thallas salv xi ammonti zghar. Mill-kumpless tal-provi, l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni ma tirrizultax li kienet wahda ppruvata u li ghalhekk l-aggravju dwarha huwa wkoll infondat u qieghed jigi respint.

9. It-tieni aggravju huwa li ghal kull prestazzjoni li saret lilha, is-socjeta` appellanti hallset taghha hlief, forsi, ghal xi pendenzi ta' entita` ckejkna. Mill-provi jirrizulta biss li b'kollox is-socjeta` appellanti hallset lill-appellant l-ammont ta' Lm300 u xejn aktar. Skond l-ewwel Qorti dawn il-flus x'aktarx kienu jirrapprezentaw hlas ta' l-ispejjez tar-Registru in konnessjoni ma' att ta citazzjoni istitwita mill-appellanti tramite l-appellat Dottor Azzopardi. Kif tajjeb gie ritenut allura mill-ewwel Qorti, "huwa ovvju li l-eccezzjoni ta' hlas ma nghatatx bis-serjeta`".

Fl-istess aggravju s-socjeta` appellanti tattakka l-quantum ta' hlas mitlub mill-appellat in kwantu hija tirritjeni li l-ammont mitlub huwa wiehed esagerat. Dan l-aggravju jistrieh fuq konsiderazzjonijiet u provi fattwali. L-ewwel Qorti kellha l-okkazjoni li tezamina l-provi fattwali. L-ewwel Qorti kellha l-okkazjoni li tezamina l-provi migjuba quddiemha u fil-fehma taghha l-konkluzjoni emergenti mill-provi kienet is-segwenti:
"Wara li qieset kemm ix-xhieda moghtija minn Maurice Vassallo kif ukoll moghtija minn Dr. Azzopardi, hija tal-fehma li s-servizzi professjonali msemmija fin-nota tassew nghataw. Xi whud mill-argumenti mressqa mis-socjeta` rikorrenti biex turi l-kuntrarju huma aktar loghob bil-kliem milli argumenti".

Trattandosi hawn ta' evalwazzjoni ta' provi ta' fatt ma jidhirx li huwa l-kaz fejn din il-Qorti tiddisturba l-istess evalwazzjoni kif maghmulha mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Dik il-Qorti gharblet il-provi taz-zewg nahat u dehrilha li kellha taccetta l-verzjoni tal-intimat u tat ir-ragunijiet taghha l-ghala waslet ghal din il-konkluzjoni. Fil-fehma ta'

din il-Qorti ma hemm xejn x'jigi varjat minn dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti f'dan ir-rigward.

10. Nigu issa ghall-aggravju l-iehor dwar l-ammont li gie likwidat mir-Registratur tal-Qorti. Din il-Qorti fl-ewwel lok thossha fid-dmir li turi d-disapprovazzjoni u l-perplessita` taghha ghall-mod legger li bih jidher li giet maghmulha l-istess taxxa min-naha tad-Deputat Registratur ikkoncernat. Zgur li din it-taxxa m'ghandhiex tittiehed jew titqies bhala xi kampjun ta' kif ghandhom jinhadmu taxxi bhal dawn. Huwa minnu li jidher li d-Deputat Registratur irrediga u kkompila t-taxxa a bazi tan-nota guramentata mghoddija lilu mill-appellat Dr. Tonio Azzopardi kif tghid il-ligi, imma xorta jibqa' l-fatt li t-taxxa li nharget ma tispjega jew ma tiddistingwi kwazi xejn minn prestazzjoni professjonali ghal ohra. Minflok, kollox gie addossat u migbur f'zewg linji xotti xotti, imbaghad hemm riportata cifra ta' l-ammont totali dovut – cifra kwazi reza illegibbli billi tidher li giet korretta aktar l-isfel imbaghad dan l-ammont rega' gie riportat bil-kliem – li, incidentalment lanqas ma jirrifletti ezattament l-ammont intier. Fil-fehma tal-Qorti taxxa ufficjali ghandu jkun fiha taghrif sufficjentement dettaljat li juri kemm in-natura ta' dak is-servizz, att, et coetera li jkun, bid-data relattiva ta' meta ikun gie rez jew pprezentat, u bil-hlas relattiv ghal kull entrata. Wara kollox, it-taxxa hija intiza biex telucida dak li hu dovut u dan kemm fl-interess ta' min jitlobha kif ukoll fl-interess ta' min ikun mitlub li jhallasha. Il-ligi tant tqisha b'serjeta` taxxa ufficjali ta' din ix-xorta li sahansitra tikkunsidraha bhala li ghandha s-sahha ta' titlu ezekuttiv.

Dan maghdud, u kif gia` gie rilevat minn din il-Qorti u mill-parti appellata, jirrizulta li kien biss fl-istadju ta' appell li s-socjeta` appellanti dehrilha opportun li tinkludi, fost l-ilmenti taghha, l-operat ta' l-appellat Registratur u dan meta fl-ewwel istanza kienet qeghda tagixxi wkoll kontrieh. Fi kliem iehor lanqas provi taht dan l-aspett ma ressqet quddiem il-Qorti ta' l-ewwel grad. Darba li gie ritenut li l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront ta' l-appellat l-iehor, l-avukat Azzopardi, ma gewx sufficjentement ippruvati u li ma kienx korrett li jinghad li t-talba ghall-hlas kienet preskritta, allura ghandu jsegwi li din il-Qorti, bhal

dik ta’ qabilha, jkollha tirrespingi l-lanjanzi tas-socjeta` appellanti. Mill-bqija, din il-Qorti, bhala qorti ta’ revizjoni, m’hijiex sejra tistharreg kawzali godda li ma jkunux gew imsemmija jew dibattuti fl-ewwel istanza.

Ghalhekk l-aggravji kollha sollevati mis-socjeta` appellanti qeghdin jigu respinti.

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tichad l-appell tas-socjeta` Medcast Foundry Limited, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------